**MALTA**

**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Illum 11 ta' Novembru, 2016**

**Rikors Nru.: 479/2016MH**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Anthony Zammit**

**(K.I. numru 206685)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti fejn gie sottomess:

**"1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Darmanin, datat 30 ta' Jannar 2012 (Dok. "A") fejn is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Anthony Zammit.**

**2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Anthony Zammit fis-somma ta' mija u sebgha u ghoxrin elf, erba' mija u tmienja u erbghin Ewro u tmienja sebghin centezmu (€127,448.78) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Account"* ta' Anthony Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B" ) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-25 ta' Dicembru 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament;**

**3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dok "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Anthony Zammit**

**(a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntrattu sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Anthony Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici**

**4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;**

**7. Illi l-konvenut Anthony Zammit gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Jannar 2014 li kopji taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. "C", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.**

**Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha :**

1. **Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn ezebit bhala Dok "A", partikolarment imma mhux esklussivament, billi Anthony Zammit (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Anthony Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici., u**

2. **Tikkundanna Anthony Zammit jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u sebgha u ghoxrin elf, erba' mija u tmienja u erbghin Ewro u tmienja sebghin centezmu (€127,448.78) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Account"* ta' Anthony Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B" ) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-25 ta' Dicembru 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datata 7 ta' Jannar, 2014 (Dok. "C") kontra l-konvenut li huwa minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni."**

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2016, l-intimat meta msejjah ma deherx ghalkemm debitament notifikat;

Semghet lil Dorianne Tanti in rapprezentanza tas-socjeta rikorrenti;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tal-intimat Anthony Zammit konvenut tiddeċiedi billi:

Tilqa' it-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lil Anthony Zammit sabiex ihallas lill-lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u sebgha u ghoxrin elf, erba' mija u tmienja u erbghin Ewro u tmienja sebghin centezmu (€127,448.78), rapprezentanti l-bilanc dovut mill-intimat lis-socjeta` rikorrenti flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri dovuti mill-25 ta' Dicembru, 2015 sad-data tal-hlas effettiv.

Tikkundanna lill-intimat ihallas l-ispejjez tal-kawza.

Moqrija

Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.
Imhallef

John Muscat
Deputat Registratur